# IT~TITULAR

Ħarġa Nru. 1

Frar 2006



Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija Est. 1993

Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Mqabba

www.santamarija.com


Ristorante
Cosmana Navarra
28, St. Paul's Street, Rabat RBT 12 Malta
Tel/Fax: (+356) 21450638
Webpage: www.cosmananavarra.com
ENJOY A ROMANTIC ATMOSPHERE OF SOPHISTICATION AT RISTORANTE COSMANA NAVARRA SITUATED IN THE CENTER OF THE HISTORIC AREA OF RABAT.
ONE CAN ENJOY SUMPTUOUS MEALS FROM OUR VAST MEDITERRANEAN BISTRO MENU PREPARED AND SERVED BY OUR FRIENDLY AND PROFESSIONAL STAFF.
OUR DISHES ARE SPECIALLY COOKED TO ORDER TASTEFULLY PRESENTED AND METICULOUSLY PREPARED FOR YOUR PERFECT ENJOYMENT.
FOR RESERVATION CALL TEL: (+356) 21450638
OR EMAIL ON cosmananavarra@onvol.net


Maria u Roderick...
... Bartenders tal-Każin
Għal xorb ġenwin u appetiżers
b'abbundanza f'atmosfera familjari
Naċċettaw bookings għall-ikliet bejn il-ħbieb
Tel: 21683020 - Mob: 9928 3098

# Editorjal *B'ħarsitna 'l quddiem...*

Għeżież Qarrejja,

Bi pjaċir kbir qegħdin inwasslu dan l-ewwel Editorjal. Aħna konvinti li din il-pubblikazzjoni għandha tintlaqa' tajjeb minnkom il-qarrejja, fejn ser nagħmlu l-almu tagħna sabiex inwasslu messaġġ żagħżugħ u nesponu l-potenzjal taż-żgħażagħ li b'tant ħila u dedikazzjoni jaħdmu sabiex dejjem ikabbru l-festa Titulari fir-raħal pittoresk tagħna.


## IT-TITULAR

***Sezzjoni Żgħażagħ***
***Santa Marija Mqabba** Est. 1993*

Soċjetà Santa Marija u
Banda Re Ġorġ V,
'Palazz Santa Marija',
Pjazza tal-Knisja,
Mqabba ŻRQ 08 - Malta
**Tel:** 21683020
**website:** www.santamarija.com
**email:** youths@santamarija.com

**Bord Editorjali:**
Carlo Sciberras
Nicholas Baldacchino
Chris Schembri Baldacchino

**Design & Printing:**
Print Right - Marsa
Splash Design - Mqabba


© ***Copyright, Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija - Mqabba***

B'din il-pubblikazzjoni ntitolata "**It-Titular**" ser inkunu qed inwasslu nformazzjoni u kitbiet interessanti fid-djar tal-familji ġewwa l-Parroċċa ta' l-Imqabba li hija ddedikata lill-Patruna Universali Santa Marija.

"It-Titular", leħen ġdid għaż-żgħażagħ fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ser iwassal fid-djar tagħkom, artikli varji li jolqtu l-gosti ta' kulħadd, minn dawk dwar l-Istorja ta' l-Imqabba u l-Ewwel Soċjetà Mużikali fir-raħal tagħna, l-arti, kitbiet Marjani u tagħrif ieħor. Barra minnhekk f'kull ħarġa ser tkunu tistgħu tirbħu xi premjijiet meta tieħdu sehem fil-kompetizzjoni dwar is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V fl-istorja ta' l-Imqabba.

Wara ħafna xogħol siewi li sar tul l-aħħar snin mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ħassejna l-bżonn li nwasslu l-messaġġ tagħna b'aktar konsistenza u fuq livell aktar strutturat minn pubblikazzjonijiet oħrajn. Wara numru ta' attivitajiet u ħidmiet kemm fuq bażi Nazzjonali kif ukoll Internazzjonali mxejna pass kbir ieħor fejn ser ikollna pubblikazzjoni ta' l-ogħla livell hekk kif jixraq lill-Patruna tagħna Marija Assunta.

Il-Bord Editorjali f'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija jixtieq jirringrazzja mill-qalb l-isponsers kollha li qed jgħinuna f'din il-pubblikazzjoni, l-artikolisti kollha u lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenuna f'din il-pubblikazzjoni. Minn hawnhekk nixtiequ nawguraw l-isbaħ xewqat lill-qarrejja tagħna u nżommu l-bibien miftuħin għal kull suġġeriment.

# Il-Kelma tal-President

## *Carlo Sciberras - President Sezzjoni Żgħażagħ*

Huwa ta' pjaċir kbir għalija bħala President tas-Sezzjoni Żgħażagħ li naqsam magħkom dawn il-ħsibijiet tiegħi fl-ewwel ħarġa ta' din il-pubblikazzjoni, liema pubblikazzjoni ser tkun waħda regolari sabiex il-leħen żgħażugħ li tħaddan is-Soċjetà tagħna jasal għandkom iż-żgħażagħ, partitarji u ammiraturi ta' din l-ewwel Soċjetà Mużikali fl-Imqabba.

Tajjeb li qabel kollox nagħtu ħarsa lejn il-festa li għaddiet, fejn għal darb' oħra kellna festa ndimentikabbli fejn kull fergħa fi ħdan is-Soċjetà kienet impenjata sabiex intlaħqu livelli eċċellenti f'kull aspett li jirrigwardja l-festa. Nista' ngħid li bħala Sezzjoni Żgħażagħ erġajna konna minn ta' quddiem fil-briju nnovattiv u fl-organiżżar tal-marċi. Dan jixduh l-ispettakli uniċi ta' briju tul il-ġimgħa kollha speċjalment fil-marċ ta' l-aħħar Tridu, fejn ħriġna bl-unuri kollha għalkemm kien hemm min prova akkost ta' kollox ifixkel dawn iċ-ċelebrazzjonijiet hekk kbar. Ħriġna wkoll bl-idea li nagħtu bidu għall-Skambju Kulturali propju fil-ġimgħa tal-Festa li mingħajr dubju kien ta' suċċess kbir fejn wara diversi xhur ta' ħidma ntensiva, rnexxielna nimplimentaw proġett mill-Programm YOUTH ta' l- Unjoni Ewropea. Fil-fatt kellna fostna ż-Żgħażagħ ta' l-*Associazzioni Cristiane Lavoratori Italiani* (ACLI) circolo Ciro' ta' l-Italja.

Mingħajr ebda dubju s-sena 2005 ser titnaqqax b'ittri tad-deheb fl-istorja tas-Soċjetà u ta' l-Imqabba. Ma' kienx biżżejjed li niċċelebraw il-festa Titulari ta' l-Imqabba u nfakkru anniversarji mportanti fosthom is-60 sena mit-twaqqif ta' l-ewwel formazzjoni mużikali ġewwa l-Imqabba u għeluq is-seba' anniversarju mir-rebħ ta' l-unur uniku *Les Etoiles d'Or du Jumellage*, le altru minn hekk! Sewwa sew f'Novembru sirna l-ewwel banda Mqabbija li qatt daqqet it-Teatru Manoel. Fl-istess xahar l- Għaqda tan-Nar tagħna intgħażlet sabiex tagħmel spettaklu pirotekniku sinkronizzat mal-mużika waqt iċ-ċena uffiċċjali mogħtija mir-Reġina Eliżabetta II lill-mexxejja tal-*Commonwealth*. Kull Imqabbi għandu għalfejn ikun kburi b'dak kollu miksub mis-Soċjetà tagħna. Bil-għajnuna ta' Ommna Marija, is-sena 2006 għandha tkun sena oħra ta' ħidma għas-Sezzjoni Żgħażagħ u l-fergħat kollha fi ħdan is-Soċjetà fejn ilkoll flimkien ser inkomplu nkabbru l- prestiġju tal-festa Titulari u isem ir-raħal għażiż tagħna l-Imqabba. Tajjeb li l-appell aħħari tiegħi jkun sabiex tkomplu tipparteċipaw bi ħġarkhom fl-attivitajiet li torganizza s-Sezzjoni Żgħażagħ, żgur li tkunu qegħdin tagħtu l-kontribut siewi tagħkom!



Nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lil kull min huwa nvolut f'din il-pubblikazzjoni u lin-negozji kollha li għoġobhom jirriklamaw magħna f'din il-ħarġa. Jalla nibqgħu sejrin hekk b'Ommna Marija bħala l-qofol ta' ħidmietna.

# Messaġġ mill-Ministru Responsabbli miż-Żgħażagħ

*L-Onorevoli Dr. Louis Galea, Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol*



L-ewwelnett nixtieq nibda biex nifraħ lill-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija talli ħadu din l-inizjattivà u komplew bil-ħidma fejjieda tagħhom fost iż-żgħażagħ tagħna b'risq s-Soċjetà Santa Marija u r-raħal għażiż ta' l-Imqabba.

Il-kumitati taż-żgħażagħ donnhom qegħdin isiru regola għall-festi fl-irħula Maltin u Għawdxin. Permezz ta' dawn l-għaqdiet, iż-żgħażagħ qed ikomplu jsaħħu il-kultura tal-komunità u jagħtu kontribut edukattiv lis-soċjetà nġenerali. Dan għaliex permezz tagħhom il-komunità tingħaqad f'ambjent soċjali, kulturali u reliġjuż biex infissru min aħna u f'hiex nemmnu. Huwa ta' importanza kbira li ż-żgħażagħ tagħna nagħtuhom ċans sabiex jesprimu ruħhom mhux biss fejn tidħol il-krejattività tagħna fl-armar, fil-bnadar, fid-dawl, fil-każini, iżda wkoll li ż-żgħażagħ ikoll-hom punt ta' referenza fis-soċjetà tagħhom permezz ta' dawn l-għaqdiet.

Nappella biex fiż-żmien tal-festi ma nħallux li l-fanatiżmu jagħmel ħsara u għandna naħdmu biex ngħollu l-livell biex b'hekk nuru li aħna poplu li nħobbu niċċelebraw u nifirħu flimkien. Fuq kollox l-għaqdiet tal-festi u l-baned ipprovdew spazju għal eluf ta' żgħażagħ, kif ukoll irġiel u nisa biex evitaw it-tentazzjonijiet u taw kontribut pożittiv f'ħajjithom għall-ġid ta' l-għaqda u tal-komunità. Komplu sejrin hekk.

**Irreklama l-prodotti u s-servizzi tiegħek fuq 'IT-TITULAR'!!**

*B'ċirkolazzjoni ta' aktar min 4,000 kopja b'medja ta' 3 persuni f'kull familja...*
*...il-vuċi tiegħek tinstema żgur!!*
*Għal reklamar effettiv u b'rati mill-aktar vantaġġjużi Ċemplulna fuq 9982 5738 - 9989 6164*

# Pitturi ta' l-Assunta Madwarna (1)



### *Il-Pittura*

Il-kwadru ta' l-Assunta li jinsab fl-aktar post prominenti fil-knisja parrokkjali tar-raħal ġar tagħna, il-Qrendi, tpitter mill-pittur famuż Malti Ġużeppi Calì fl-1917. Calì jżomm ma' l-istil tradizzjonali ta' Marija tiela' s-sema b'dirgħajha miftuħin, imdawra bl-anġli u bl-appostli jħarsu lejn il-qabar vojt fin-naħa t'isfel. Marija tidher bħala l-figura ċentrali u dominanti – hija taqsam il-kwadru fi tnejn: minn saqajha 'il fuq jirrappreżenta l-Ġenna, minn riġlejha 'l isfel jirrappreżenta l-art.

Marija hija mdawra b'għadd ta' anġli: tnejn minnhom kbar u diversi żgħar. Interessanti l-fatt li l-ebda anġlu ma jidher qiegħed imiss il-figura tal-Madonna. Jidher li Calì ma tax każ it-tagħlim li Marija **ttellgħet** fis-sema, mhux **telgħet** waħedha! Il-ħarsa ta' Marija hija lejn is-smewwiet, qisha diġà qed tara l-glorja li hemm tistennieha.

Fil-parti t'isfel jidher il-

qabar, vojt u bil-lożor imgerfxin, imdawwar mill-appostli, lkoll ħlief wieħed iħarsu 'l fuq lejn din id-dehra ta' l-għaġeb. Hemm ukoll anġlu qiegħed ipoġġi fergħa tal-ġilju, simbolu tal-purità ta' Marija, fuq il-qabar. Maġenb il-qabar tidher qed tikber warda – allegorija tal-ħajja li qed tikber fil-post fejn issaltan il-mewt.

Ħaġa ta' l-iskantament dal-kwadru kien ordnat għand Calì mill-Imqabbin u kellu jieħu post il-kwadru ta' Filippo Venuti li bil-kemm kellu 20 sena. Meta Calì talab £40 għalih, missirijietna dehrilhom li kien qed jitlob wisq u m'aċċettawx. Fil-pront daħal Dun Franġisk Bugeja, saċerdot mill-Qrendi u ħallas għalih hu. B'hekk dal-kapulavur, l-aħħar xogħol importanti ta' Calì u l-aħħar kwadru titulari mpitter minnu, sab ruħu jżejjen il-knisja tal-Qrendi flok it-titular l-antik ta' Rokku Buhagiar!

## *Il-Pittur*

Giuseppe Calì twieled lejliet Santa Marija fl-1846 fil-Belt Valletta. Nannuh Antonio u zijuh Beniamino kienu pitturi wkoll; probabilment wiret it-talent artistiku tiegħu minn għandhom. Meta beda juri l-kapaċità tiegħu fit-tpinġija, intbagħat jistudja Napli, fejn ma qabilx mar-riġidità ta' l-iskola fejn kien jitgħallem u nġibed aktar lejn l-istil tal-pittur Taljan Domenico Morelli. B'kollox għamel madwar 600 xogħol, li naturalment ivarjaw fil-kwalità. L-ewwel pittura li għamel għall-pubbliku kienet il-*Madonna tar*-Rużarju li tinsab fis-Santwarju ta' l-Assunta fil-Mosta. Probabilment l-aqwa xogħol tiegħu huwa l-*Mewt ta' Dragut* ta' l-1867. Miet fl-1 ta' Marzu 1930.

## *Il-Knisja*

Il-Qrendi sar parroċċa fl-1618 meta nqata' mill-konfini taż-Żurrieq. Din id-data tidher miktuba fil-faċċata tal-knisja fuq il-bieb. Il-knisja preżenti, mibnija f'forma ta' salib Latin inbdiet fl-1685 fi żmien ir-raba' kappillan, Dun Domenico Formosa.

Fiha għaxar artali: il-maġġur, tal-kor, erbgħa fil-kappelluni u erbgħa fil-korsija. Fiha nsibu ħafna xogħol sabiħ ta' skultura fil-ġebla, imżejjen b'żebgħa kulurita u b'induratura. Fis-sagristija hemm żewġ kwadri oħra li juru l-Assunzjoni: it-titular l-antik ta' Rokku Buhagiar, u pittura aktar antika li setgħet kienet it-titular tal-knisja prinċipali tal-Qrendi meta din saret parroċċa. F'dil-knisja nsibu mwaqqfa erba' fratellanzi: tal-Madonna tar-Rużarju, tas-Sagrament, tal-Madonna taċ-Ċintura u tal-Madonna ta' Lourdes. F'dil-knisja jsiru diversi festi, li l-akbar tnejn fosthom, peress li jsiru anke b'ċerta pompa esterna, huma l-festa titulari ta' Santa Marija u l-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

L-10 anniversarju mill-introduzzjoni tas-sit eletroniklu

**www.santamarija.com**

**1996 – 2006**

**l-ewwel Soċjetà Mużikali fl-Imqabba li daħlet fid-dinja ta' l-informatika.**




# Victor's Take Away

## Bar, Restaurant, Cafeteria

Specialising in Fresh Fish, Maltese Food & Parties

***Dun Ġużepp Zammit Str., Żurrieq - Tel: 2164 1033 - Mob: 9947 4249***

*(Next to Bus Terminus and near the Żurrieq School)*

*Noffru servizz lill-każini f'dak li hu kiri ta' platti, kikkri, frieket, skieken eċċ… Inbid Home Made bi prezz speċjali għal BBQs u attivitajiet oħra. (Fliexken jew Ġarar)*

## *Għal kull xogħol ta' tibjid, tikħil u madum*

## Roderick & Silvio Frendo

*Joffru wkoll high-up service*

***"Silvkate", De Mello Street, Żurrieq***

***Roderick Mobile: 9949 8429 - Silvio Mobile: 9946 4742***

# Arti Letterarja...

## Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, l-Imqabba - 12-il sena mwaqqfa

Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija
Hawn fl-Imqabba tassew magħrufin
Għax ħidmiethom hi ħafna qawwija
Id f'id jaħdmu u qatt mifrudin.

Tnax-il sena ta' ħidma bla heda
Illi tulhom ħadmu qatih
U żgur frotthom kien ħafna ta' fejda
Iħarbiku bil-ferħ bla mistrieħ.

Dawn iż-żgħażagħ il-ward ta' l-Imqabba
Kollhom fwieħa u ġmiel imżejnin
Għax żgur qalbhom mimlija fl-imħabba
Għal ħidmiethom dawn ħafna mfaħħrin.

B'kuraġġ qawwi ta' żgħażagħ li huma
B'rieda soda daqs dik ta' l-azzar
Għalhekk huma jgawdu kull stima
Mill-kumitat, is-soċi u l-kbar.

Nistennew lil Awissu bil-ħerqa
Aħna ż-żgħażagħ ferrieħa Mqabbin
Għax għalina l-Padruna żgur tibqa'
Dik il-ġawhra li biha kburin.

Dan ix-xahar l-Imqabbin ifakkarna
F'dik il-festa wisq mistennija
Tas-Sultana maħbuba Padruna
Dik il-kbira, Santa Marija.

Trid tarahom f'dawk il-ġranet tal-festa
Jieħdu ħsieb biex joħorġu l-armar
U iżejnu mill-isbaħ triqatna
Kulħadd jgħin, kemm il-kbar anke ż-żgħar.

Il-ferħ tagħna nżejjnu triqitna
X'dehra jieħdu kif nagħmlu t-tiżjin
Kif jinbidel l-Imqabba raħalna
Kemm inferrħu lil ħutna Mqabbin.
Aħna ż-żgħażagħ ta' din is-sezzjoni
Ma' Santa Marija mdawwrin
Hi għalina l-akbar attrazzjoni
Ħdejha nħossuna bil-wisq ħenjin.

Int Marija mudell ta' ħajjitna
Aħna ż-żgħażagħ kull ħin nersqu lejk
Għax int l-Omm illi tiżboq kull għana
Inti l-hena ta' min jiġi ħdejk.

Inti taf O maħbuba Marija
Kemm daż-żgħażagħ għalik imħeġġin
U kemm ħadmu fis-skiet b'armonija
Tul dawn il-ġranet, tul dawn is-snin.

Bukkett ward, b'tnax-il warda noffrulek
l-isbaħ ward illi sibna fil-ġnien
u noffruhom lil Santa Marija
għax għaliha, imħabbitna bla tmiem.

Hawn iż-żgħażagħ hekk qribek Marija
Fik insibu l-għaxqa, il-kenn
Int l-Omm li bik aħna kburija
Int m'hawnx bħalek, int tħobbna u tħenn.

X'ma' inkunux għalenija fuq tagħna
X'ħin niftakru li għandna din l-Omm
Dejjem hemm sabiex lilna tħaddanna
U fi ħdanha kull ħin lilha żżomm.

Nitolbuk minn qiegħ qalbna, Marija
Ibqa' indokra daż-żgħażagħ twajbin
Dejjem għożżhom f'dik qalbek kennija
Bik żgur jgħixu, fis-sliem, magħqudin.

***Ħal Qormi - Chev. Dr. Carmel Bianchi***

***Din il-poeżija nqrat nhar l-ewwel ta' Mejju 2005 fil-ftuħ Uffiċjali tal-Ġimgħa Marjana organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ fl-Isptar il-Qadim, bejn l-1 u s-7 ta' Mejju.***



# Attivitajiet...

Ġita għall-Kemmuna...

Football Tournament u Nardu Farrugia Cup fl-Imqabba Syntetic Pitch...

Ġimgħa Marjana fl-Isptar il-Qadim...

Skambju Kulturali mill-Programm Youth ta' l-Unjoni Ewropea ma' l-ACLI ta' l-Italja...

Ikla bejn il-ħbieb, Ristorante Cosmana Navarra...

Żjara lil anzjani Mqabbin residenti f'St. Vincent de Paule...

Stedina fuq il-HMS Illustrious mir-Reġina Elizabetta II...

Spettaklu ta' nar sinkronizzat mal-mużika fis-Summit tac-CHOGM mill-Għaqda tan-Nar...

Il-Banda Re Ġorġ V fit-Teatru Manoel...

# Programm ta' attivitajiet Frar - Marzu 2006

25 ta' Frar 2006: 10.00am Playstation Tournament bil-logħba ISS Pro Evolution 5 ġewwa l-Każin, diversi premjijiet għar-rebbieħa.

5 ta' Marzu 2006: 9.30am Sparatura fuq il-Plattini f'Victoria Shooting Range il-Ħandaq.

12 ta' Marzu 2006: 12.30pm Ikla kbira għas-soċi u partitarji kollha ġewwa l-Strawberry Grove f'Buġibba. Kulħadd mistieden.

18 ta' Marzu 2006: 8.30am Nardu Farrugia Cup – One day 5 a side football tournament fl-Imqabba FC Syntetic Pitch.

6.00pm – Quddiesa b'sufragju għar-ruħ Leonard Farrugia, ex-President tas-Soċjetà u ex-assistent surmast tal-Banda Re Ġorġ V.

25 ta' Marzu 2006: 8.30am Donazzjoni tad-Demm mill-membri, soċi u partitarji permezz tal-Blood Donation Mobile Unit quddiem il-Każin. Nappellaw lil kulħadd sabiex jagħti d-demm.

7.30pm Programm strumentali mill-Banda Re Ġorġ V b'tifkira ta' l-8 anniversarju mir-rebħ ta' l-Unru Les Etoiles d'Or du Jumelage u l-10 sena mill-mewt tal-mibki Leonard Farrugia ġewwa s-Sala Prinċipali tal-Każin.

**Ipparteċipa bi ħġarek f'kull attività li torganizza s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija...**
*...Grazzi ta' l-appogg!!*

**Keychains u Platti tal-Vara Titulari ta' Santa Marija...**
*issa għall-bejgħ mill-Bar tal-Każin jew ċemplu 99825738*
*edizzjoni limitata.. tħallux għall-aħħar!*

**Trid ikollok tifkira sabiħa u dejjiema tal-Festa Titulari 2005?**
**Akkwista DVD / VHS tal-Festa 2005 ...rigal uniku għall-qrabatna msiefrin!**
**Għal aktar informazzjoni ċemplulna jew ibgħatu sms fuq 99825738.**

# Nar u Mużika...

*Ronald Zammit, Koordinatur Nar Sinkronizzati mal-mużika*




Ħafna huma li jaffaxxinaw ruħhom b'din l-arti, arti li ġġiegħelek taħseb u tgħid; Imma dawn kif jag¨ħmluhom? jew; Kif jista' jkun li tinħoloq din il-koordinazzjoni kollha? Din hija l-*Arti Piroteknika*, arti li s-Soċjetà tagħna tħaddan b'għożża kbira permezz ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija.

Nistgħu ngħidu mingħajr ftaħir li din l-Għaqda tat bidu għall-*evoluzzjoni* sħiħa fil-qasam pirotekniku Malti, fejn minn logħob tan-nar maħruq b'mod tradizzjonali issa wasalna fi stadju fejn għaqqadna l-arti piroteknika ma' l-arti mużikali b'riżultat ta' spettakli uniċi li laħqu livelli Internazzjonali. Dan biex ma' nsemmux li ħafna mil-logħob tan-nar li mdorrijin naraw fil-festi Maltin ġie oriġinat mill-istess Għaqda tul is-snin.



L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba hija meqjusa bħala l-pijuniera ewlenija għall-spettakli ta' logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika f'pajjiżna. Jekk inħarsu lura lejn is-sena 1997, jispikka l-fatt li konna l-ewwel Għaqda tan-Nar f'Malta li qatt tellgħet spettaklu pirotekniku sinkronizzat mal-mużika. Ilum il-ġurnata nista' ngħid li ntlaħqu livelli eċċellenti ta' korjografija, frott l-għaqda u l-ħidma tal-membri tagħna stess.

Il-miri ewlenin tagħna huma li nkomplu noħolqu u nipperfezzjonaw logħob tan-nar innovattiv bl-impenn prinċipali annwali nhar l-14 t'Awissu propju lejliet il-Festa ta' Santa Marija Patruna ta' l-Imqabba. Ta' min jgħid li dan l-ispettaklu jiġbed folol kbar ta' nies fejn kull sena niksru r-



rekord tagħna stess, fejn il-Festa Titulari ta' l-Imqabba saret waħda mill-ikbar festi li jiġu ċċelebrati f'pajjiżna.

F'Novembru li għadda l-istess Għaqda ġiet magħżula sabiex ittella' spettaklu *piromużikali* waqt iċ-ċena mogħtija mir-Reġina Elizabetta II lir-rappreżentanti ta' Stati fis-*Summit* tal-*Commonwealth*. L-Għaqda tħossha privileġġata u onorata li ntgħażlet minn fost diversi għaqdiet oħrajn għal din l-okkażjoni hekk storika. Ta' min jgħid li dan l-ispettaklu ġie mxandar fuq stazzjonijiet televiżivi madwar id-dinja kollha u kellna bosta kummenti sbieħ minn diversi Kapijiet ta' Stati, *media* lokali u dik Internazzjonali kif ukoll minn organizzaturi Maltin. Dan kien pass ieħor importanti fl-istorja ta' l-Għaqda tan-nar tagħna. Sabiex ikollna tifkira dejjiema ta' dan kollu ħsibna sabiex noħorġu għall-bejgħ DVD bit-tema "2005 SHOWS" li jinkludi 50 minuta ta' nar sinkronizzat mal-mużika minn diversi okkażjonijiet li ħadna sehem fihom fosthom il-*Malta Fireworks Festival*, Lejliet il-Festa ta' l-Imqabba u l-okkażjoni storika tas-*Summit* tal-*Commonwealth*. L-Impenn li jmiss ser ikun fil-*Malta International Fireworks Festival* f'April li ġej organizzat mill-Awtorità Maltija dwar it-Turiżmu fil-Port il-Kbir. Ta' min jgħid li l-Għaqda tan-Nar tagħna dejjem kienet ta' importanza kbira sabiex dan il-Festival jikseb suċċess tul is-snin.

Dan ser ikun għall-ewwel darba fuq bażi ta' kompetizzjoni bejn ħames Għaqdiet tan-Nar, tlieta Maltin u tnejn barranin mill-Ingilterra u l-Portugall. Aħna konvinti li bil-għajnuna u l-ħarsien ta' Ommna Marija ser nerġgħu ntellgħu spettaklu ieħor abbondanti ta' livell għoli.

# FRITRANS LTD.

*64, Liesse Hill, Valletta*

***Transport & Lifting - Tel: 21230448***
***Freight Forwarders - Mob: 99490332***
***Customs Clearance - Mob: 99497332***
***Tanshipment - Mob: 99443595***

**EXPRESS DELIVERY**



# Sunray Butcher

***40, Church Square - Mqabba.***

*Kwalità Superjuri ta' laħam frisk, tiġieġ, fniek, bajd eċċ...*

**Tel: 21 68 36 90**

# MOVIE ZONE

Mqabba - For a large selection of DVD Rentals, Hi-Fi, Playstation 2, Repairs and more

***Open Monday to Saturday 16.30 - 19.00***
***Saturday 10.00 - 12.00***

**Triq Mons A. Caruana, Mqabba - Mob: 9985 3439**



# Frott it-Talent Imqabbi...

## ....Il-Pedestall Artistiku ta' l- Inkoronazzjoni



L-idea ta' dan il-pedestall ta' l-Inkoronazzjoni oriġinat minn Baskal Gauci iżda mbagħad kienu ħafna l-partitarji tal-Każin li ħadmu biex il-Ħolma tiegħu ssir realtà, wieħed irid isemmi lil Ġanni Ghigo li kien imħarreġ sew fuq ix-xogħol ta' pedestalli mill-bravu skultur, pittur u disinjatur Abraham Gatt. Ġanni Ghigo daħal għal dan il-proġett ambizzjuż mgħejjun mill-aħwa Innocenzo u Giuseppe Psaila. Din il-biċċa armar imponenti u sabiħa nħadmet kollha fil-każin li dak iż-żmien kien f'numru 26, Pjazza tal-Knisja. Il-finanzi nġabru mill-Kumitat tas-Soċjetà ta' dak iż-żmien permezz ta' diversi benefatturi Mqabbin. Din l-opra verament artistika u sabiħa żżanżnet l-ewwel darba fil-festa ta' Santa Marija tal-1923.

**Noti u referenzi**

*LIA, Carmen (1960 - )*
*Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba - Mqabba: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, 1997.*

# Tagħrif Storiku...

*Minn Giovanni Farrugia*

***Riċerka ta' l-1947***

***Riveduta fl-1997***



F'waħda mir-riċerki li kont qiegħed nagħmel sabiex ikollna tifkiriet ta' l-għeżież tagħna, sibt li xi żgħażagħ sa minn dejjem, fl-istorja ta' l-Imqabba, kienu jinteressaw ruħhom f'affarjiet ta' kultura, bħalma hija l-mużika, l-iskultura fil-ġebel u ħafna oħrajn.

Kien fl-1947 meta kelli taħdita ma' Ġorġ Parnis ta' *Strada* San Bażilju u tani dan it-tagħrif. Kienu ċirka l-1880 meta Ġanni Zammit (Brajnuk) kien jislef ir-remissa tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiltaqgħu xi żgħażagħ tal-Partit ta' Santa Marija u jdoqqu xi strumenti u fl-istess ħin iżommu l-għaqda bejniethom.

F'dik l-Epoka, il-Każin ta' Santa Marija kien flok il-familja Busuttil (Ta' Soldi) fi Triq il- Parroċċa, quddiem l-Għassa tal-Pulizija.

Xi żgħażagħ milli semmewli kienu Karmnu Zammit (Tar-Reġina), Karmnu Farrugia (L-Ingliż), Ġużeppi Zammit ( Ta' l-Għoli), Pawlu Farrugia (Il-Marokk) u kien hemm magħhom wieħed Schembri, li ismu ma nafuhx, li nafu huwa li jiġi minn Spiru Schembri (Ta' Barbra). Kienu seba' b'kollox. Fittixt ħafna però għad ma rnexxielix inkun nafhom kollha b'ċertu dettal.

Dawn iż-żgħażagħ kienu jdoqqu dawn l-istrumenti mużikali: (Din il-versjoni jaqbel magħha Feliċ Zammit, ex-President tas-Soċjetà). Karmnu Zammit u Pawlu Farrugia bil-Kitarra, Karmnu Farrugia bil-Mandolina u Ġużeppi Zammit bl-Orgni tal-Ħalq.

Issa tajjeb li wieħed ikun jaf li min xi dokumenti li sibt għand Ġużeppi Zammit (Gambona) qabel dawn iż-



żgħażagħ, kien hemm xi żgħażagħ oħra li forsi għad xi darba nkunu nafu dwarhom… dawn żgur li kienu jeżistu, infatti meta kont qiegħed nitkellem ma' wieħed ħabib tiegħi mill-Isla ċertu Ġużè De Giovanni, kien ħadni għand zijuh li dak iż-żmien kellu 'l fuq min tmenin sena. Dan kien uriena programmi tal-Festa tal-Bambina tas-sena 1872 li kien jikkonsisti f'librett ta' erba' paġni li kien jgħid li xi żgħażagħ mill-Imqabba kienu jmorru jdoqqu fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' l-Isla. Din kienet informazzjoni xotta wisq biex tagħmel ċertu riċerki!

Wara diversi riċerki rnexxieli nsib li x'ħin kienu jispiċċaw wieħed miż-żgħażagħ kien iqassam xi santi ta' Santa Marija ta' l-Imqabba. Min hawn joħroġ il-fatt li meta jien kont għadni żgħażugħ kienu jiġu xi nies mill-Kottonera fil-Festa ta' Santa Marija. Fil-Pellegrinaġġ tas-seba' Santa Marijiet kienu jgħidulna li Santa Marija ta' l-Imqabba taqla l-Grazzji! Għal dan il-fatt ikompli, tant li l-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Lawrenz Spiteri kien sab fl-arkivji tal-Knisja li l-vara ta' Santa Marija għandha iktar min 160 wegħda tal-Fidda, Għadna ma nafux x'sar minnhom. Meta jien u l-wisq maħbub Dun Geraldu Mangion konna tajna bidu sabiex niktbu l-Istorja ta' l-Imqabba, kien sab xi tagħrif dwar l-istess wegħdiet. Bqajna nistħarrġu biex ikollna tagħrif iktar ċar però ma sibniex…

**Sparatura fuq il-Plattini**

Nhar il-Ħadd 5 ta' Marzu 2006 mill-10.00am 'il quddiem ġewwa l-Victoria Shooting Range, Ħandaq

***L-ewwel premju: Senter tal-Kaċċa jew Lm50 fi flus***

***Ċemplu 9982 5738 - 9945 7162***

# Kompetizzjoni bi premju

1.F'liema sena twaqqfet l-Orkestra Santa Marija u min kien il-Fundatur tagħha?

2. F'liema data s-Soċjetà xtrat il-Każin preżenti?

3. Xi pproklama l-Papa Piju XII fl-1950?

4. X'kienet magħrufa l-art li nbena fuqha l-Post tan-Nar tagħna?

5. F'liema sena żżanżan il-Pedestall Artistiku ta' l-Inkoronazzjoni?

6. F'liema sena u f'liema okkażjoni rajna għall-ewwel darba f'Malta spettaklu ta' nar sinkronizzat mal-mużika?

7. X'jisimha l-Belt fl-Italja fejn saret il-preżentazzjoni ta' l-unur mirbuħ mis-Soċjetà, Les Etoiles d'Or du Jumellage?

8. F'liema sena ġiet imwaqqfa s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija?

9. X'kienet l-opra artistika li s-Sezzjoni Żgħażagħ żanżnet fil-Marċ tat-Tielet Tridu fil-Festa ta' l-2004?

10. X'jisimha u min liema pajjiż ġejja l-Għaqda ta' Żgħażagħ li s-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna għandha Skambju Kulturali magħha?

Ibghat it-tweġibiet tiegħek fuq karta separata u dettalji personali sa mhux aktar tard mill-Ħadd 19 ta' Marzu 2006 fuq:

***Kompetizzjoni 'It- Titular'***
***Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija***
***Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V,***
***'Palazz Santa Marija',***
***Pjazza tal-Knisja,***
***Mqabba ŻRQ 08***



***It-tweġibiet korretti jiġu magħżula u tittella' polza u hekk ikollna r-rebbieħ li jixxandar fil-ħarġa li jmiss. Il- premju għal din il-ħarġa huwa DVD / VHS tal-Festa 2005.***

STAR GATE
computer systems

ctronics
Computer Products
Upgrades & Peripherals

Computer Systems
Upgrades & Repairs
Network Installations
Peripherals
Consumables
Internet Service
Scanning Facilities

Mqabba Road, Żurrieq

Quality Branded Products

for additional information contact us on
Tel: 2164 2744 Fax: 2168 3662
Mob: 7947 8259 / 9947 8259

info@ctronics.comt.mt
support@ctronics.com.mt
of visit our homepage: http://www.ctronics.com.mt



Marco's Bar
Mqabba
Football Club

Triq il-Madonna tal-Gilju, Mqabba

Fejn issibu xorb ġenwin u appetizers mill-aqwa. Magħrufin ukoll għall-ikliet tal-laħam taż-ziemel u majjal...

Tel: 21 642 774

